## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 8 TA' APRIL, 2002

**Avviz Nru: 22/01 AJD**

**Allied Insurance Agency Limited**

**vs**

**Dennis Deguara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2001, fejn intalbet il-kundanna ghall-hlas tal-konvenut lis-socjeta' attrici fis-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u disghin centezmu (Lm209.90) rappresentanti l-bilanc dovut fuq diversi 'premia' fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut. Illi nonostante li gie debitament interpellat biex ihallas , il-konvenut baqa' inadapempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru, 2000,u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stannte illi mhuwiex minnu illi kien hemm xi premia fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq isem il-konvenut u li baqghu ma thallsux.
Ghalhekk il-Lm209.90 mitluba mhumiex dovuti u t-talba attrici ghandha tigi michuda.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Stephen Camilleri, Kenneth Constantino, tal-konvenut u ta' Mark Saliba.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2002, fejn il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni u prometta li kien ser jindika l-Artikolu tal-ligi li tahtu kien qed jeccepixxi l-preskrizzjoni permezz ta' nota fir-Registru.

Ra li l-konvenut naqas milli jindika l-artikolu tal-ligi li tahtu kien qed jeccepixxi l-preskrizzjoni u ghalhekk it-Tribunal m'huwiex ser jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u dan ai termini tal-artikolu.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet:-

Ikkunsidra:

1. Illi mill-provi rrizulta li s-socjeta' attrici qed titlob il-kundanna ghall-hlas tal-konvenut fl-ammont ta' mitejn u disa' liri Maltin u disghin centezmu (Lm209.90) bhala prezz ta' zewg 'premia' fuq polza ta' assikurazzjoni ghall-perijodu bejn l-10 ta' Settembru, 1996, u d-9 ta' Settembru, 1997, u l-10 ta' Settembru, 1997 sad-9 ta' Settembru, 1998. Din il-polza ta' assikurazzjoni kienet tirrigwarda d-dar tal-konvenut fil-Mellieha. Is-socjeta' attrici esibiet il-fatturi relattivi li jinsabu a fol. 12 u 13 tal-process. Hija esibiet ukol 'pledge form' datata l-1 ta' Frar, 1997 (a fol. 14) mibghuta lis-socjeta' attrici minghand il-Lohombus. Dinn il-polza ta' assikurazzjoni giet imgedda verbalment.

2. Illi l-konvenut isostni li huwa ma tax istruzzjonijiet lis-socjeta' attrici sabiex igedded din il-polza ta' assikurazzjoni u konsegwentement il-'premium' m'huwiex dovut. Inoltre, huwa jirribatti l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici fis-sens illi hija bilfors kellha ggedded il-polza ta' assikurazzjoni fuq id-dar minhabba l-'pledge' li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq, billi jghid li din il-'pledge' hija kuntratt bejnu u bejn il-Bank u li s-socjeta' attrici ma kienitx parti f'dan il-kuntratt.

3. Illi t-Tribunal jinnota li nonostante li kienu jintbaghtulu 'statements' regolari sabiex ihallas il-'premia' in kwistjoni, u ghalhekk kien a konoxxenza tal-fatt li l-polza relattiva giet imgedda, huwa ma hax passi sabiex jikancella l-polza kif wiehed jippretendi li ghandu jaghmel xi hadd li ma xtaqx jirrinova polza ta' assikurazzjoni li tkun giet rinnovata minghajr il-kunsens tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal dan jista' jigi nterpretat bhala kunsens tacitu sabiex tigi rinnovata l-polza. Inoltre, jidher li l-konvenut qatt ma nforma lis-socjeta' attrici li ma xtaqx li l-polza ta' assikurazzjoni tigi rinnovata nonostante li din

giet rinnovata addirittura ghal sentejn konsekuttivament, dejjem skond il-konvenut, minghajr il-kunsens tieghu.  It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut qed juza din ir-raguni biss bhala skuza f'dawn il-proceduri sabiex ma jhallasx l-ammont mitlub.  Il-fatt li l-polza in kwistjoni giet rinnovata ulterjorment wara l-1998 u l-'premium' relattiv imhallas mill-konvenut hija indikazzjoni ulterjuri ta' dan.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u disghin centezmu (Lm209.90) bl-imghaxijiet legali mid-data ta;-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**